

32004R0689

15.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 106/17

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. 689/2004**ta' l-14 ta' April 2004**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 414/2004 li jadotta miżuri speċifiċi bil-għan li jadatta l-arranġamenti għall-amministrazzjoni ta' kwoti tat-tariffi fuq l-importazzjoni tal-banana bħala riżultat ta' l-ađeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-1 ta' Mejju 2004

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-banana ⁽¹⁾ u b' mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2004 ⁽²⁾ adotta l-miżuri meħtieġa biex jidentifika b' mod partikolari l-operaturi tradizzjonali stabbiliti fil-Komunità li ssupplixxew is-swieq ta' l-Istati Membri l-ġodda fis-sena 2000, 2001 u 2002, bil-għan li l-miżuri li jridu jiġu adottati għall-adozzjoni ta' l-arranġamenti għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni tal-banana minħabba l-ađeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-1 ta' Mejju 2004.

(2) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 414/2004 jispeċifika d-dokumenti in sostenn li l-operaturi jridu jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu rrikonoxxuti bħala operaturi tradizzjonali. In vista tad-diffikultajiet li l-operaturi jiltaqgħu magħhom sabiex jikkwistaw kopji tad-dokumenti fil-pussess ta' operaturi oħra biex jipprovaw illi l-prodotti kienu attwalment irrilaxxjati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-pajjiż tad-destinazzjoni, dokumenti addizzjonali in sostenn li jistgħu jiġu prodotti għandhom jiġu speċifikati. Dawn id-dokumenti għandhom jipprovaw b' mod partikolari illi l-prodotti ntbagħtu lejn il-pajjiż destinatarju u li nbiegħu lil operatur biex jissupplixxi s-suq tal-pajjiż ikkonċernat.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma maħsuba biex id-diffikultajiet transizzjonali li jiltaqgħu magħhom l-operaturi jittieħdu in konsiderazzjoni u m'għandhomx jippreġudikaw xi miżuri li jistgħu sussegwentement jiġu adottati mill-Kummissjoni bil-għan li tamministra l-arranġamenti ta' importazzjoni in kwistjoni.

(4) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 414/2004, u l-Artikolu 7 tiegħu li jirrelataw dwar notifiċi minn Stati Membri, għaldaqstant għandu jiġi emendat skond dan li

ngħad, u d-dispożizzjonijiet il-ġodda għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament.

(5) Il-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Banana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-regolament (KE) Nru 414/2004 b' dan qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1) Il-paragrafu segwenti qiegħed jiżdied ma' l-Artikolu 6:

“4. Jekk l-operatur ikkonċernat ma jkunx jista' jipprovdien evidenza tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa rriferita fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, hu jew hi għandu/għandha jgħib/jgħib prova illi l-prodotti kienu ntbagħtu lejn Stat Membru għdid u jippreżenta/tipperżenta d-dokumenti rriferiti fil-punt (g) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, akkompanjati minn provi tal-ħlas. F'tali każijiet, id-dokumenti Komunitarji ta' transitu debitament annotati jistgħu jiġu aċċettati bħala prova illi l-prodotti kienu ntbagħtu lejn l-Istat Membru l-għdid. Dawn il-provi addizzjonali għandhom jiġu sottomessi mhux aktar tard mill-21 ta' April 2004.

Is-subparagrafu hawn fuq imsemmi għandu japplika għall-għanijiet għall-iffissar ta' referenza provviżorja kwantitattiva għall-ħruġ ta' liċenzi għall-importazzjoni ta' banana għax-xhur ta' Mejju u Ġunju 2004.”

2) Fl-Artikolu 7(3). “il-15 ta' April 2004” hi mibdula minn “it-23 ta' April 2004”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjal ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mis-7 ta' Marzu 2004.

⁽¹⁾ ĠU L 47, tal-25.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2587/2001 (ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 13).

⁽²⁾ ĠU L 68, tas-6.3.2004, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni
